**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 564 / 2006**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Donald Micallef**

Illum 25 ta' Jannar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Donald Micallef detentur tal-karta tal-identità numru 207082M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar tnax il-xahar, qabel is-6 ta' Gunju 2006, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew ikkunsinata lilu taht titolu li gieb mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Ghamel qliegh ta' aktar min Lm2,127 ghad-dannu tal-kumpanija *Chef's Choice Limited (C14565)* ta' Chef Choice Building, Latmija Road, Haz-Zabbar, bi ksur tal-artikolu 293 tal-Kapitolu IX tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta' Malta.

Sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX, tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversiment preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' April 2021, fejn il-Qorti filwaqt illi ma sabitx htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet akkuza u lliberatu minnha, wara li rat l-artikoli 293, 294, 308 u 309 u 310(1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni akkuza u kkundannatu ghall-piena kumplessiva ta' prigunerija effettiva ta' tnax-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Donald Micallef,ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Mejju 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha
- TIRREVOKA s-sentenza appellata u cioe' dik tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-tletin (30) ta' April 2021;
- U konsegwentement TILLIBERAH mill-akkuzi kollha migjuba kontrih, kif ukoll minn kull piena u htija skont il-ligi;
- Alternattivament, TIRRIFORMA l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant u tnaqqas b'mod sostanzjali l-piena lilu inflitta, hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Donald Micallef huma s-segwenti u cioè:-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jinsabu fil-fatt illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx, bir-rispett kollu, apprezzament tajjeb bizzejjed tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti:

Illi kif ser jirrizulta, il-provi tal-prosekuzzjoni ma jwasslux sal-grad ta' prova rikjesta mil-ligi sabiex tkun tista' tinstab htija u li minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, il-piena hi eccessiva;

Illi l-appellant umilment jirrileva illi, bir-rispett kollu, li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu a bazi tal-provi prodotti quddiemha, u konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet intepretazzjoni tal-provi;

Illi jidher illi kemm il-prosekuzzjoni, u kemm il-Qorti, sejset il-kaz taghha esklussivament fuq il-verzjoni ta' Dr. Kris Borg, bhala konsulent legali tal-kumpanija Chef Choice, madanakollu x-xhieda tieghu ma gietx korroborata mix-xhieda kemm tal-istess kumpanija, li qalu li l-imputat kien allegatament ircieva flejjes minghand klijenti tal-kumpanija, allegazzjoni li dan l-appellant cahad kategorikament;

Illi in vista tal-presuppost, il-prova ma ngabitx kif rikjest il-ghaliex il-prova trid tingieb mill-Prosekuzzjoni ghax hi qed tallega!

Illi s-sur Joseph Mizzi sahaq, u dan kif gja suriferit minghajr l-ebda prova ulterjuri li l-klijenti tal-kumpanija tieghu kienu allegatament ghamlu xi hlas lill-imputat, liema fatt madanakollu gie nnegat mill-istess. Illi di piu', Joseph Mizzi fix-xhieda tieghu ma ppruvax li dawn l-allegati pagamenti u hlasijiet kienu verament saru mill-klijenti tieghu u l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' jixhdu lill-istabbilimenti li sahqu li allegatament hallsu l-ammont dovut lill-kumpanija.

Illi di piu' Wayne Mizzi fil-kapacita' tieghu ta' financial controller mal-kumpanija Chef Choice Limited ma setax jipprezenta l-ebda dokument u/jew informazzjoni ulterjuri sabiex jikkorrabora l-verzjoni ta' Joseph Mizzi!

Illi l-Ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda ta' Dr. Kris Borg li sahaq illi huwa kien ipprepara "skrittura li l-imputat kellu jiffirma, fejn skontu, l-istess imputat kien ser jobbliga ruhu li jhallas xi flejjes lura lill-kumpanija Chef Choice". Dan gie nnegat mill-appellant.
Illi Dr. Kris Borg lanqas ma kien jaf liema "kienu l-klijenti ta' Chef Choice li hallsu lill-imputat appellant Donald Micallef. Mhux biss - ghalkemm huwa allega li l-ammont dovut kien ta' elfejn hames mija u disgha u tletin liri Maltin punt tnejn u disghin, huwa ma kellux informazzjoni dwar x'tip ta' prodotti kienu jammontaw ghal dawk il-flus!
Mill-banda l-ohra l-intimat esponent fix-xhieda tieghu cahad kategorikament l-akkuzi migjuba kontra tieghu, cahad kategorikament illi huwa kellu xi ftehim sabiex irodd xi flus lura u jishaq li l-fatt li huwa ma kkontestax it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ma tipprovax fil-grad li trid il-Ligi li huwa kkommetta xi reat!

Illi in vista tal-presuppost, jinghad li huwa essenzjali fil-kamp penali li l-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragonevoli b'mod li jekk dan il-grad ta' prova ma jigix raggunt allura l-imputat ghandu jigi liberat.

Illi ghaldaqstant u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, tenut kont anke ta' dak li ddepona l-esponent, il-prosekuzzjoni kellha fid-dmir li tipprezenta u ggib l-aqwa prova - best evidence rule - u b'kull dovut rispett, kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni illi tigbor informazzjoni korretta u kompluta, biss bhala stat ta' fatt dan ma sarx!

Illi ghalhekk ma saret ebda prova ta' xejn u l-akkuzi certament li ma gewx ippruvati lil hinn minn kull dubju ragjonevoli!

Illi dwar dan l-argument kienet ikkummentat il-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Eucharist Baldacchino et**" deciza 12 ta' Novrmbru tas-sena 2003 fejn intqal:-
*"L-obbligu tal-Prosekuzzjoni hu li tressaq kull prova favur u kontra l-akkuzat, kif provdut fl-artikolu 356 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi dwar it-tieni aggravju, u cioe' dak li jikkoncerna l-piena, l-esponent ihoss li l-piena inflitta fuq l-appellant, u cioe' dik ta' tnax-il xahar kienet wahda eccessiva; u l-appellant jghid li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa u gusta.

Illi l-umli fehma tal-appellant, l-ewwel Qorti ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita', ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum.

L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza tal-piena ta' prigunerija tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; **Il-Pulizija vs John Farrugia**, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita' a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' tnax-il (12) xahar imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accennat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunierja li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt hija dik li hi. Dan peress illi huwa rriforma ruhu, u ghalhekk kellu jinghata cans iehor.

Ghaldaqstant u in vista tal-presuppost, jidher car li:
- Il-prosekuzzjoni naqset milli taghmel ezercizzju li tassigura illi tressaq il-provi kollha li hi kellha tal-kaz u li bl-istess ezercizzju allura li tressaq l-ahjar prova ghall-kaz.

Semghet lix-xhud **Louis Buhagiar** jixhed ghan-nom u in rappresentanza ta' JobPlus u jikkonferma li  l-akkuzat appellant odjern illum qed jahdem b'mod

legittimu mas-socjeta MT Coast u ghandu kuntratt definittiv fil-kapacita tieghu ta' *delivery driver* u dan b'effett mis-6 ta' Settembru, 2021 kif jirrizulta mid-dokument esebit minnu markat bhala dok JB.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2021.

Ikkunsidrat:
Illi l-aggravju tal-appellant huwa jikkoncerna l-fatt li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti u dan ghaliex fil-fehma tal-appellant l-ewwel Qorti ma kellhiex isibu hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[1] [12.5.94; **Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2] [14.2.1989]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[3] [31.5.1991]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[4] [31.5.1991] u ohrajn .)

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-12 ta' Mejju, 1994.
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar ,1989.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju ,1991.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[5] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*[6]*"*

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss

---

[5] ([1969] 1 QB 276

[6] BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwixxix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami approfondit tax-xhieda prodotta.

**Joseph Mizzi** xehed nhar it-12 ta' Dicembru, 2018[7] u spjega li l-appellant kien jahdem maghhom fil-hanut Chef Choice izda spicca imkecci ghalirx qabduh jiehu xi flus minghand il-klijenti taghhom u ma jghaddihomx lill-kumpanija. Spjega li dan kien jahdem bhala salesman jdur barra bil-vettura taghhom u jigbor l-ordnijiet biex imbaghad iqasmuhom lill-klijenti. Ghalhekk l-appellant kellu jigbor l-ordnijiet. Qal li kien beda jahdem maghhom f'Settembru 2005 bhala full time salesman u l-impieg tieghu gie terminat fit-13 ta' Frar 2006.

Qal li l-appellant kien idur il-hwienet jigbor l-ordni u huma kellhom delivery persons biex jesegwixxu l-ordnijiet li kien idahhal. Qal li s-sales representatives kienu jigbru ukoll il-hlas tal-ordni. Id-delivery man qatt ma kien jigbor il-flus. Is-sales persons kien ikollhom ktieb tal-ircevuti u l-klijent kien jghaddi l-flus lil salesman kif kien jghamlu ma l-appellant u wara li s-sales person jghaddi il-flus lil kumpanija isiru ir-reconciliations. L-accounts kienu johorgu lista ta x'ghandu jigbor kull xahar u l-klijent kien ikun jaf kemm kellu ihallas ghaliex kien ikollu l-invoice . Il-klijent kien jiffirma fuq l-invoice jara li x-xoghol ikun gja gie konsenjat u meta jirritorna lura x-xoghol din l-invoice tidhol fis-sistema. L-appellant kellu jaghmel l-istess. Qal li meta l-klijent kien idum biex ihallas kienu jigru warajh ghall-hlas.

[7] Fol. 28 tal-process

Fir-rigward tal-hanut Sofra Kebab tal-Gzira kienu ghamlu meeting fil-presenza tal-appellant ghax dan kien qed jallega li kien hallas l-invoice u li kien ghadda l-flus lill-appellant. Izda huma ma kellhomx ricevuta tal-hlas. Wara bdew jiskopru li kien hemm iktar u raw li kien hemm bilanc ta' cirka hamest elef liri Maltin (LM5,000). Kien jidher li dan l-ammont kien ghadu dovut mill-klijent.

Qal li huma kienu irraportaw il-kaz minnufih pero l-appellant ma setghax jinstab u fil-fatt kienu ghaddew tnax-il sena qabel ma bdiet il-kawza odjerna. Jghid li l-appellant tkecca ghaliex baqa' ma rritornax il-flus. Jghid li din is-somma kienet tirraprezenta diversi pendenzi izda min kienu l-klijenti ma jiftakarx. Mistoqsi jekk l-appellant kienx hareg xi flus ghal flejjes li kien ircieva, jghid li ma jafx kif kien jahdem l-appellant.
Qal li jaf hu li l-klijent kien ihallas lill-appellant u dan ma kienx jghaddi il-flus lilhom. Qal li ma hux cert jekk l-appellant kienx accetta li kellu jirrifondilhom. Qal li kienu ghaddew id-dokumentazzjoni kollha lill-allura Spettur Cassar gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zabbar. Malli raw li l-appellant ma kienx ser jghaddi l-flus lilhom qalulu li kienu ser jirraportawh lill-pulizija. Jaf ukoll li l-avukat tieghu Dr. Kris Borg kien baghat ittra lil Kummissarju tal-Pulizija ghaliex ma kienux hadu passi kontra l-appellant pero jaf li ma setghux isibuh. Dak iz-zmien l-accountant taghhom kien certu Mr. Mario Tabone.

**Joseph Saliba** xehed nhar il-31 ta' Jannar, 2019 u qal li kienu gew mitluba jipprezentaw l-**employment history** tal-appellant. Ix-xhud esebixxa kopja tal-history employment tal-appellant li giet markata bhala dok JS1.[8]

**Wayne Mizzi** xehed nhar il-31 ta' Jannar 2019[9] u spjega li jahdem bhala financial controller mas-socjeta' Chef Choice Limited ta' Marsascala. Qal li huwa kien inghata handover dwar l-appellant pero kien halla numru ta' dokumenti gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zabbar ghand l-allura spettur Cassar u jaf li l-avukat

[8] Fol/ 46 tal-atti processwali
[9] Fol. 49 tal-atti tal-process

taghhom Dr. Kris Borg kien arkivja ukoll xi karti. Kopji tal-karti li ghaddew lill-pulizija ma zammx.

Nhar it-3 ta' April, 2021 xehed PL Quentin Tanti in rapprezentanza tal-MFSA u esebixxa dokumentazzjoni dwar is-socjeta' C 14565 li giet markata bhala dok QT1[10]. Qal li din is-socjeta giet registrata nhar id-29 ta' Dicembru 1992 u kienet ghadha ghaddejja bhala attivita. Esebixxa ukoll dokument mahrug mir- *register of companies* dwar din l-istess socjeta' li giet markata bhala dok QT2. [11]

**Dr. Kris Borg** xehed nhar is-17 ta' Ottubru 2019[12] u kkonferma li s-socjeta' Chef Choice kienu ilhom il-klijenti tieghu sa mis-sena 1995 u kienu ghadhom il-klijenti tieghu. Qal li kien hemm allegazzjoni min naha ta' Chef Choice li l-appellant kien gabar xi flus ghan-nom ta' Chef Choice u ma ghaddihomx lis-socjeta' Chef Choice izda zammhom ghalih. Qal li mir-records li rnexxielu isib fil-kompjuter tieghu irrizulta li dan l-ammont li kien dovut lix-Chef Choice kien fl-ammont ta' LM2, 539.92. Jghid li kienu talbuh jipprepara skrittura sabiex l-affari tieqaf hemm. Permezz ta' din l-iskrittura l-appellant kien ser jaccetta li kien ser ihallashom lura. Ma jiftakarx li din l-iskrittura kienet effettivament giet iffirmata mill-appellant. Dan sehh ghall-habta ta' 2006. Aktar tard fis-sena kienet saret il-procedura tal-Ittra Ufficcjali taht il-166A u ma setax jghid jekk din l-ittra kienitx giet notifikata jew le. Qal li huwa f'idejh kellu biss print out mill-kompjuter pero ma setax jikkonferma jekk kienx hemm notifika jew le. Li jiftakar zgur li kienet saret kwerela fis-sena 2006 izda kien hemm problema ghaliex ma setghux isibuh imkien. Jaf li anke kien baghat xi kwereli ghand il-pulizija biex jara jekk fil-fatt kienx instab l-appellant. Mistoqsi min huma l-klijenti tas-socjeta' Chef Choice li kienu ghaddew flus lill-appellant jghid li ma jafhomx.

Ikkunsidrat:

---

[10] Fol. 59 tal-atti
[11] Fol. 73 tal-process
[12] Fol. 93 tal-process

Illi din il-Qorti tirrimarka li din il-kawza hija sawma minn kull prova ta' evidenza li kienet necessarja sabiex l-akkuzi jigu pruvati fil-konfront tal-appellant odjern. Illi ma hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni naqset bi kbir li tipprova dan il-kaz. La resqet l-accountant tal-kumpanija Chef Choice sabiex jesebixxi l-invoices li allegatament thalsu lill-appellant. La resqet il-klijenti tax-Chef Choice li allegatament halsu lill-appellant biex jikkonfermaw kemm fil-fatt kienu ghaddew flus lill-appellent. La resqet xi hadd mis-sales department biex jikkonferma li flejjes tal-invoices li allegatament thalsu ma gewx depozitati fil-kontijiet bankarji tas-socjeta' Chef Choice. La tresqet prova dwar l-ammont li kien gabar l-appellant u li kien allegatament zamm ghalih.

M'hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni ghandha d-dover li tressaq l-ahjar prova shih u kompluta. F'dan il-kaz zgur li ma saritx. Dan il-kaz huwa nieqes minn kull prova konvincenti li in effetti l-appellant kien zamm ghalih xi flus proprjeta' tas-socjeta' Chef Choice. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta**[13] dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Il-Prosekuzzjoni pprovat **BISS** b'mod vergonjuz li l-appellant ghamel zmien qasir jahdem mas-socjeta' Chef Choice skond id-dokument mahrug minn Jobsplus u xejn iktar. Anke x-xhieda ta' Dr. Kris Borg m'hiex xi wahda illuminanti. Ma tati l-ebda tgharif dwar il-gbir tal-flejjes jew ghal l-inqas x' tirrapprezenta l-allegat somma li huwa stqarr li l-klijenti tieghu qalu li kien gabar l-appellant. M'hemmx dubbju li x-xhieda tieghu hija biss xhieda li tikkostitiwixxi detto del detto u ma giet korroborata minn ebda xhud iehor u ghalhekk ghandha tigi skartata.

[13] Deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957

L-ewwel Qorti stqarret li x-xhieda tad-dirigenti tax-Chef Choice ma gietx kontradetta. Jinghad li huwa d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-appellant gabar il-flejjes. Dan m'ghamlitux ghaliex ma jirrizultax la minghand min ingabru u lanqas l-ammonti li allegatament ingabru. Lanqas ma resqet xi prova dwar it-terminazzjoni tal-impieg tal-appellant. Il-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda statement dwar l-allegati flejjes u ghalhekk minkejja li x-xhieda tad-dirigenti tax-Chef Choice ma gietx kontradetta lanqas ma jista jinghad li hija xhieda li titfa xi dawl fuq dan l-allegat gbir ta flus. Jinghad li dan il-kaz seta gie immexxi b'mod hafna ahjar u huwa nieqes minn kull angolu ta' professjonalita. Fejn huma d-dokumenti li allegatament is-socjeta parte civile tat lill-pulizija? Din baqghet qatt ma giet esebita Kif tista din il-Qorti tiddikjara li l-appellant huwa hati ta' approprazzjoni indebita f'ammont ta' LM2,127 meta mill-atti ma jirrizulta xejn minn dan?

Din il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' l-appell tal-appellanti b'dan illi qeghda tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fir-rigward ta' dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet akkuza pero' qeghda tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuza u dan ghaliex qed tiddikjara li mhux qed issibu hati taghhom u b'hekk qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Nadia Ciappara

Deputat Registratur